# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0319/2008**

18.7.2008

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna s-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009)
(COM(2008)0159 – C6-0151/2008 – 2008/0064(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Katerina Batzeli

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................11

PROĊEDURA ......................................................................................................................13

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna s-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009)**
**(COM(2008)0159 – C6-0151/2008 – 2008/0064(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0159),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251 u l-Artikoli 149 u 150 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0151/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0319/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8). Billi l-promozzjoni tal-kreattività u tal-kapaċità għall-innovazzjoni permezz tat-tagħlim tul il-ħajja taqa’ fi ħdan l-għanijiet ***ta’ programmi*** eżistenti, ***b’mod partikolari fil-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja***, Sena bħal din tista’ tiġi implimentata permezz *ta’ l-użu* ***tal-programm*** fi ħdan il-marġni eżistenti li ***hi tipprovdi*** għall-istabbiliment ta’ prijoritajiet ta’ finanzjament fuq bażi annwali jew multiannwali; il-programmi u l-linji politiċi f'oqsma oħra, ***bħall-intrapriża***, il-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u s-soċjetà *ta' l-* | (8). Billi l-promozzjoni tal-kreattività u tal-kapaċità għall-innovazzjoni permezz tat-tagħlim tul il-ħajja taqa’ fi ħdan l-għanijiet ***tal-programmi Komunitarji*** eżistenti, Sena bħal din tista’ tiġi implimentata permezz *tal-użu* ***ta’ dawk il-programmi*** fi ħdan il-marġni eżistenti li ***huma jipprovdu*** għall-istabbiliment ta’ prijoritajiet ta’ finanzjament fuq bażi annwali jew multiannwali; il-programmi u l-linji politiċi f'oqsma oħra, ***bħall-kultura, il-komunikazzjoni, l-intrapriża***, il-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u s-soċjetà *tal-* |

| | |
|---|---|
| *informazzjoni*, jinkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni *ta' kreattività* u għal kapaċità għall-innovazzjoni u jistgħu jappoġġjaw l-inizjattiva fi ħdan l-oqfsa legali rispettivi tagħhom. | *informatika*, jinkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni *tal-kreattività* u għal kapaċità għall-innovazzjoni u jistgħu jappoġġjaw l-inizjattiva fi ħdan l-oqfsa legali rispettivi tagħhom. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kisba ta' ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni***, il-flessibiltà*** u l-adattabilità f'dinja li qed tinbidel b'mod rapidu ***u t-treġija kreattiva tad-diversità***; għandhom jitqiesu l-forom kollha ta' innovazzjoni, inklużi l-innovazzjoni soċjali *u intraprenditorjali*; | (a) il-kisba ta' ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni u l-adattabilità f'dinja li qed tinbidel b'mod rapidu; għandhom jitqiesu l-forom kollha ta' innovazzjoni, inklużi l-innovazzjoni soċjali *u dik intraprenditorjali*; |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-enfasi fuq il-ftuħ għad-diversità kulturali bħala mezz ta' trawwim tal-komunikazzjoni interkulturali u ta' promozzjoni ta' rabtiet eqreb bejn l-oqsma differenti tal-arti, u kif ukoll mal-iskejjel u l-universitajiet;*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istimolu tas-sensitività fl-estetika, l-iżvilupp ta' l-emozzjonijiet, il-ħsieb ***laterali*** u l-intuwizzjoni ***u t-trawwim ta'*** | (b) l-istimolu tas-sensitività fl-estetika, l-iżvilupp tal-emozzjonijiet, il-ħsieb ***kreattiv*** u l-intuwizzjoni fit-tfal kollha mill-istadji l- |

| | |
|---|---|
| ***kreattività*** fit-tfal kollha mill-istadji l-aktar bikrin ta' l-iżvilupp inkluża l-formazzjoni pre-skolastika; | aktar bikrin tal-iżvilupp inkluża l-formazzjoni pre-skolastika; |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) żieda fl-għarfien f'dik li hija importanza tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija għall-iżvilupp personali, kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi; u t-trawwim ta' *moħħ* intraprenditorjali, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ***;*** | (c) iż-żieda fl-għarfien f'dik li hija importanza tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija għall-iżvilupp personali, kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi; u t-trawwim ta' *mentalità* intraprenditorjali, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, ***permezz ta' kooperazzjoni mad-dinja tal-kummerċ***; |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tkabbir ta' l-aċċess, ***u t-tnaqqis tad-differenzi fl-aċċess,*** għal varjetà ta' forom kreattivi ta' espressjoni ta' l-individwu *innifsu*, permezz ta' edukazzjoni formali***,*** u ***b'mod partikolari matul is-snin l-aktar formattivi taż-żgħażagħ, biex b'hekk ma jixxekkilx l-iżvilupp personali ta' xi wħud minnhom;*** | (f) it-tkabbir tal-aċċess għal varjetà ta' forom kreattivi ta' espressjoni tal-individwu *nnifsu*, ***kemm*** permezz ta' edukazzjoni formali u ***kif ukoll permezz ta' attivitajiet mhux formali u informali għaż-żgħażagħ***; |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħolqien ta' kuxjenza fost il-persuni li l-kreattività, it-tagħrif u l-flessibbiltà huma | (g) it-trawwim ta' kuxjenza fost il-persuni***, kemm jekk ġewwa u kif ukoll jekk barra*** |

| | |
|---|---|
| importanti fi żminijiet ta' bidliet teknoloġiċi rapidi u ta' integrazzjoni globali lejn ħajja soddisfaċenti u ta' ġid; u t-tħejjija *ta' poplu li jwassal għat-titjib ta' l-opportunitajiet* fil-karriera fl-oqsma kollha fejn il-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni għandhom *rwol* importanti; | ***s-suq tax-xogħol,*** li l-kreattività, it-tagħrif u l-flessibbiltà huma importanti fi żminijiet ta' bidliet teknoloġiċi rapidi u ta' integrazzjoni globali lejn ħajja sodisfaċenti u ta' ġid; u t-tħejjija *tal-poplu sabiex ikollu iktar opportunitajiet* fil-karriera fl-oqsma kollha fejn il-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni għandhom *irwol* importanti; |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) il-promozzjoni ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-arti, il-kummerċ u l-iskejjel u l-universitajiet;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) l-iżvilupp tal-kreattività u tal-kapaċità għall-innovazzjoni permezz ta' attivitajiet mhux formali u informali għaż-żgħażagħ;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(j) l-inkoraġġiment ta' dawk li mhumiex fis-suq tax-xogħol biex jiżviluppaw il-potenzjal kreattiv għas-sodisfazzjon personali tagħhom u għal dawk li qed ifittxu x-xogħol biex tittejjeb l-attraenza tagħhom fis-suq tax-xogħol;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt l**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(l) it-titjib fid-disponibilità lejn id-diversità kulturali bħala mezz ta' trawwim ta' komunikazzjoni interkulturali u influwenza reċiproka artistika; kif ukoll*** | ***imħassar*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt m**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (m) l-iżvilupp tal-kreattività u tal-kapaċità innovattiva fl-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi permezz tat-taħriġ u l-inkoraġġiment ***fl-organizzazzjoniijet*** biex jagħmlu użu aħjar mill-kapaċitajiet kreattivi ***ta' l-individwi***, ***l-impjegati*** kif ukoll ***tal-klijenti jew ta' l-utenti***. | (m) l-iżvilupp tal-kreattività u tal-kapaċità innovattiva fl-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi permezz tat-taħriġ u l-inkoraġġiment ***tagħhom*** biex jagħmlu użu aħjar mill-kapaċitajiet kreattivi ***kemm tal-impjegati*** kif ukoll ***tal-klijenti***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jaħtar koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sehem tiegħu fis-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni ***fejn ma jkunx possibbli għall-Koordinatur nazzjonali ta' Liżbona li jaqdi dan ir-rwol b'mod effettiv***. Il-koordinatur għandu jiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali ta' l-azzjonijiet relatati mas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. | Kull Stat Membru għandu jaħtar koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sehem tiegħu fis-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. Il-koordinatur għandu jiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali tal-azzjonijiet relatati mas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Bla ħsara għall-appoġġ li jista' jingħata lis-Sena mill-programmi u mil-linji politiċi f'oqsma oħra bħall-intrapriża, il-koeżjoni, ir-riċerka u s-soċjetà ta' l-informazzjoni, il-kofinanzjament*** f'livell Ewropew ta' l-attivitajiet fi ħdan il-qafas tas-Sena għandu jkun konformi mal-prijoritajiet u r-regoli li japplikaw għall-programmi eżistenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, ***u b'mod partikolari l-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja***. | ***Il-kofinanzjament*** f'livell Ewropew tal-attivitajiet fi ħdan il-qafas tas-Sena għandu jkun konformi mal-prijoritajiet u r-regoli li japplikaw***, fuq bażi annwali jew multiannwali,*** għall-programmi eżistenti***, b'mod partikulari*** fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. ***Fejn ikun xieraq, il-programmi u l-linji politiċi f'oqsma oħra, bħall-kultura, il-komunikazzjoni, l-intrapriża, il-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u s-soċjetà tal-informatika, jistgħu jappoġġjaw is-Sena.*** |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni

Wieħed għandu jħares lejn il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tat-temi Ewropej varji li għalihom kienu ddedikati snin suċċessivi, peress li s-sena 2006 kienet is-Sena Ewropea għall-Mobilità tal-Ħaddiema, l-2007 s-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Ugwali u l-2008 s-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali.

Kif indikat il-Kummissjoni, l-għan ġenerali tas-Sena Ewropea 2009 huwa l-promozzjoni tal-kreattività għal kulħadd bħala mutur li jmexxi l-innovazzjoni u bħala fattur ewlieni għall-iżvilupp ta' kompetenzi personali, professjonali, intraprenditorjali u soċjali fil-proċess tat-tagħlim tul il-ħajja. Il-miżuri proposti għall-promozzjoni tal-kreattività u tal-kapaċità għall-innovazzjoni se jitfasslu għal kull stadju tat-tagħlim tul il-ħajja minn forom varji ta' edukazzjoni u taħriġ matul il-ħajja tax-xogħol sal-fażi ta' wara l-irtirar.

Bħal fil-każ tas-Snin Ewropej preċedenti, il-miżuri proposti se jinkludu kampanji ta' tagħrif u ta' promozzjoni, avvenimenti u inizjattivi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jitwasslu l-messaġġi ewlenin u jinxtered it-tagħrif dwar eżempji ta' prattika tajba.

Il-Kummissjoni mhux qed tfittex finanzjament speċjali għas-sena kkonċernata. Dan il-finanzjament se jkun ipprovdut taħt il-baġits amministrattivi u l-programmi Komunitarji eżistenti.

Osservazzjonijiet

Il-proposta tal-Kummissjoni fiha ħafna inizjattivi u ideat tajbin. Ir-rapporteur taqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni kemm fir-rigward tal-bżonn li l-Ewropa tenfasizza l-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi tagħha minħabba raġunijiet soċjali u ekonomiċi u kif ukoll fir-rigward tal-bżonn li jiżdied il-potenzjal tal-Ewropa biex tkun kapaċi taffaċċja l-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni.

Ir-rapporteur tosserva li d-drawwa li sena Ewropea tkun iddedikata għal tema partikolari hija mezz biex tiżdied il-kuxjenza pubblika, it-tixrid ta' tagħrif dwar prattika tajba, l-istimolu tad-dibattitu politiku tar-riċerka, il-kreattività u l-innovazzjoni u l-promozzjoni tad-dibattiti u l-iskambji politiċi u biex il-pubbliku jkun iktar attiv. Madankollu, sabiex jiġi evitat li s-snin Ewropej isiru sempliċement eżerċizzju ta' relazzjonijiet pubbliċi, għandhom isiru sforzi biex l-objettivi u r-riżultati tagħhom jiġu kkonsolidati fil-kuntest ta' politiki, programmi u inizjattivi speċifiċi oħra fl-oqsma kollha, filwaqt li fl-istess ħin jingħata impetus għal azzjonijiet u politiki ġodda.

Għal din ir-raġuni, kull sena għandha titnieda sensiela ta' miżuri li jkomplu lil hinn mill-aħħar tas-sena u li jikkomplementaw objettivi, azzjonijiet u politiki oħra.

Ir-rapporteur tqis li fl-aħħar ta' kull sena, għandu jiġi ppreżentat rapport mill-Kummissjoni

dwar ir-riżultati miksuba f'termini ta' valur miżjud fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew u dwar il-benefiċċji speċifiċi għan-nies.

Ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jikkonkludi l-proċedura ta' kodeċiżjoni

Ir-rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-proposta tagħha skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni, filwaqt li żgurat l-involviment sħiħ tal-awtorità leġiżlattiva, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fin-nomina tas-Sena.

Ir-rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-kooperazzjoni interistituzzjonali kostruttiva u b'moħħ miftuħ li qed isseħħ fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni li qed tiġi kkunsidrata.

Tinnota wkoll li l-abbozz ta' rapport jirrifletti l-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet mal-Kunsill u mal-Kummissjoni taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni u tosserva wkoll li jeħtieġ li l-proċedura tiġi konkluża bil-għan li jiġu ffinalizzati l-preparazzjonijiet u n-nomina tas-sena kkonċernata fi żmien l-iskadenzi speċifikati.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni (2009) |
| **Referenzi** | COM(2008)0159 – C6-0151/2008 – 2008/0064(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 28.3.2008 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CULT<br>10.4.2008 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL ITRE<br>10.4.2008 10.4.2008 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | EMPL ITRE<br>6.5.2008 6.5.2008 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Katerina Batzeli<br>5.5.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.6.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.7.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Katerina Batzeli, Ivo Belet, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Christopher Heaton-Harris, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Manolis Mavrommatis, Ljudmila Novak, Dumitru Oprea, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Christa Prets, Karin Resetarits, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Rolf Berend, Gyula Hegyi, Ewa Tomaszewska |